# 110 Snin Bażilika Minuri tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt Valletta

Dennis Caruana, PRO Santwarju

Fit-13 ta' Mejju li għadda, is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta fakkar l-mija u għaxar anniversarju minn meta b'digriet tal-Papa Ljun XII fit-13 ta' Mejju 1895, dan is-Santwarju ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika Minuri. Il-Malti jgħid "il-mistoqsija oħt il-għerf," għalhekk int li qed taqra tasal tgħid, "Xi tfisser il-kelma Bażilika? U għalfejn knisja tiġi mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika?" Bażilika huwa isem ta' nisel Grieg (*basilikè*) li jfisser dar/palazz irjali. Ir-Rumani kienu jużaw dan it-titlu għal swali kbar tal-palazzi tar-rejiet. Aktar tard beda jintuża wkoll għall-bini pubbliku li jservi għall-kummerċ jew għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk l-insara meta bnew il-knejjes tagħhom, mhux biss imitaw il-palazzi Rumani bl-istil u l-arkitettura tagħhom, imma l-isem li kienu jagħtu lil xi knejjes li kienu jisbqu oħrajn fil-kobor u l-ġmiel. Hawn tliet titli għad-dinjità ta' Bażilika. Dawk Maġġuri li huma l-erba' prinċipali fil-Belt ta' Ruma, jiġifieri San Pietru, San Ġwann Laterano, San Pawl (*Fuori le Mure*), u Santa Marija Maggiore. Hemm imbagħad il-Bażiliki Minuri, li f'Ruma nsibu ħafna, u jissejħu hekk għax huma iżgħar fil-kobor mill-Maġġuri, għalkemm għandhom *status* ta' privileġġi u drittijiet, li jagħtuhom tabilħaqq id-dinjità ta' Bażilika Minuri, u mbagħad hemm dawk titulari. Il-Bażilika Minuri tal-Karmnu, tagħmel sehem mill-Bażiliki ta' Ruma, li mhux biss għandha titlu imma wkoll l-i*status* tagħha, jiġifieri għandha drittijiet u privileġġi ta' Bażilika Minuri.



Tintinablu skulturat fl-injam.

Naraw issa x'inhu meħtieġ biex knisja tingħata dan it-titlu. Jeħtieġ li jkollha ċerti kwalitajiet meħtieġa u dan jirriżulta minn digriet tal-Papa Benedittu XV, li fih jgħid li jingħad li l-Papiet jagħtu titli speċjali bħal dak ta' Bażilika lil xi knejjes, li jispikkaw fihom aktar minn oħrajn tliet ħwejjeġ, li huma: devozzjoni minn żmien twil tal-fidili, tifkiriet storiċi, u opri meraviljużi ta' l-arti. Mela b'dan il-fattur ewlieni, il-Karmelitani ħabrieka daħħluha f'rashom li kellhom Santwarju mhux ħażin fid-daqs u l-ġmiel tiegħu, li jridu jagħmlu Bażilika Minuri. Kien il-Provinċjal tal-Karmelitani P. Majjistru Luigi Malfatti, u l-Pirjol tal-kunvent tal-Belt flimkien mal-Komunità, dak iż-żmien P. Albertu Grech, li l-ewwel kitbu lill-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni, biex jippreżenta t-talba tagħhom f'Ruma, u wkoll biex aktar jirnexxielhom il-ħsieb ta' moħħhom, talbu l-għajnuna wkol ta' tnejn minn nies li kellhom vuċi



Umbrellun Bażilikali skulturat fl-injam. Kienu fin-nofs ta' l-arkata tal-Bażilika l-oħra, u issa se jkunu fin-nofs tal-gradenza ta' kull artal.

qawwija quddiem il-Papa Ljun XIII. Dawn kienu l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Pietru Pace, u l-Kavallier li dak iż-żmien kien Ruma, Anġ. Mizzi, devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu, u ħabib kbir tal-Patrijiet Karmelitani. It-talba li saret tinsab fl-arkivju tal-kunvent. Din kienet maqsuma fi tliet partijiet, li għalkemm ma fihiex data, imma huma żgur li hi tas-sena 1889. Biex ma noqgħodx nidħol f'ħafna dettalji, tal-Karmnu l-Belt saret Bażilika b'digriet mill-Papa Ljun XIII, li jġib l-isem *In Supremo Principatus Culmine*, mhux bss imma wkoll l-*istatus* tagħha *Atque Ut Talis Haberi*. Għalhekk fil-funzjonijiet solenni li jsiru fil-pubbliku u fil-purċissjonijiet jista' jintuża l-Umbrellun Bażilikali (aħmar u isfar) l-istess bħall-Bażiliki Minuri ta' Ruma. Id-digriet imbagħad jagħmilha ċara li l-privileġġi mogħtija tal-Bażilika tal-Karmnu ma jistgħu qatt għall-ebda raġuni u minn l-ebda awtorità jiġu mneħħija jew limitati. Għalkemm id-digriet ħareġ fit-13 ta' Mejju, inħareġ reskritt mill-Vatikan xahrejn wara, fid-9 ta' Lulju 1895, biex ineħħi kull dubju li jista' jinqala' dwar l-interpretazzjoni tal-privileġġ mogħti mill-Papa Ljun XIII, dan kien iffirmat mill-Prefett, il-Kardinal A. Bianchi u mibgħut lill-Provinċjal tal-Karmelitani ta' Malta li kien fih tagħrif dwar l-Umbrellun Bażilikali, min jerfgħu u t-tintinablu. Min jidħol fis-Santwarju matul iż-żmien tal-festi l-kbar tal-Knisja, jew jattendi l-purċissjonijiet li jsiru mis-Santwarju, jiġifieri dawk tal-Karmnu (16 ta' Lulju), San Ġużepp (19 ta' Marzu), u lejlet il-Qalb ta' Ġesù, jista' jarahom, u nżid ukoll li dan l-aħħar sar Salib tal-Kleru Bażilikali tal-fidda. Minn ittra tal-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan li ġġib id-data 10 ta' Lulju 1895, il-Bolla, ir-Reskritt, u l-Umbrellun flimkien ma tintinablu ġabhom miegħu fuq il-vapur bl-isem ta' *Carola* il-Kav. Anġ. Mizzi, fejn daħal fil-Port il-Kbir u minn artikli fil-ġurnali tas-sena 1895, intlaqa' minn folla nies li bl-aktar mod dinjituż wassluhom b'mod trijonfali sas-Santwarju. Id-digriet bl-umbrellun li huwa aħmar u isfar, għandu jkollu sitt armi, li dawn huma:



L-Umbrellun Bażilikali fil-bizzilla ta' Malta, Kamzu ta' Patri Ċirillu Ellul O. Carm.

(1) Tal-Q.T. Leone XIII, li kien maqsum fi tliet taqsimiet, ta' l-Ordni Karmelitan, ta' l-Emm. Card. Vincenzo Vannutelli, tal-Pirjol Ġenerali Luigi M. Galli, ta' l-Isqof ta' Malta Pietru Pace, u tal-Belt Valletta, il-Belt Kapitali ta' Malta.

(2) Ir-reffiegħ ta' l-Umbrellun irid ikun liebes b'suttana sewda tal-ħarir damaskat, bit-tixmiriet kannella.

(3) Minflok l-artal maġġur (li llum qiegħed fil-parroċċa tal-Mellieħa) jittella' Tribuna u altar Papali.

It-Tribuna u l-artal Papali għadhom hemm sal-lum biex iżejnu s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu. It-tribuna hija ta' rħam fin bis-saqaf tagħha tal-bronż indurat bid-deheb, maħduma mid-ditta *Lo Turco* ta' Messina, fuq disinn ta' l-artist magħruf Taljan Pio Cellini. Għalkemm minn meta saret Bażilika, kien hemm Tribuna temporanja, imma t-Tribuna li semmejt ta' l-irħam bil-bronż kienet lesta f'Settembru tas-sena 1899, u fis-6 ta' Ottubru 1899, l-artal ġie kkonsagrat minn Mons. Antonio Buhagiar, Amministratur tad-Djoċesi ta' Malta, u minn Mons. Salvatore Gaffiero, Delegat ta' l-Isqof. Jekk il-15 ta' Lulju 1881, hija tant għal qalb id-devoti tal-Madonna





It-tintinablu fil-bizzilla ta' Malta, Kamzu ta' Patri Ċirillu Ellul O. Carm.

tal-Karmnu, dan għaliex saret l-ewwel inkurunazzjoni fil-gżejjer Maltin ta' xbieha mirakoluża li hemm fil-kor. L-14 ta' Lulju 1895 hija data storika oħra, meta proprju erbatax-il sena wara l-inkurunazzjoni ġiet inawgurata l-Bażilika Minuri għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin. Min hu interessat li jaqra dwar il-festi kbar li saru jista' jara l-gazzetti ta' dak iż-żmien *Public Opinion* jew *The Malta Times and United Service Gazette* tat-12 ta' Lulju 1895.

Hemm ħafna affarijiet oħra, imma l-ispazju huwa imitat. Permezz ta' dan l-artiklu rajna b'ħarsa ħafifa, kemm is-Santwarju u l-Bazilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, u kemm il-poplu ta' dawn il-gżejjer, minn dejjem kellu stima u rispett kbir lejn din l-Omm tagħna, u għalkemm is-Santwarju ta' 110 snin ilu huwa kompletament differenti minn tal-lum (għax minħabba l-ħsarat li ġarrab fil-gwerra), kellu jinbena ieħor ġdid, imma d-devozzjoni u l-ħeġġa li l-Patrijiet Karmelitani, li minnhom spikkaw ukoll, dejjem kellhom għal qalbhom, u żammew bl-ogħla ġieħ u unur lis-Santwarju u l-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, li mhux biss tagħmel unur lill-Provinċja Karmelitana Maltija, imma wisq aktar lill-Istorja ta' Malta, li fiha l-Belt Kapitali Valletta kellha sehem kbir.

Għalkemm l-inawgurazzjoni tal-Bażilika saret fl-14 ta' Lulju 1895, imma d-digriet *In Supremo Sacri Principatus Culmine* ħareġ fit-13 ta' Mejju 1895. Għalhekk kien xieraq, li fit-13 ta' Mejju, il-Komunità Karmelitana tal-Belt, f'għeluq il-110 snin mit-twaqqif ta' l-ewwel Bażilika Minuri fil-gżejjer Maltin, fakkret dan il-jum b'quddiesa solenni fis-6.30pm, b'radd il-ħajr lil Alla u l-Madonna tal-Karmnu, tal-grazzji u l-ġid kollu li ħareġ minn dan is-Santwarju u l-Bażilika, fosthom vokazzjonijiet ta' saċerdoti u reliġjużi bħal Beato Ġorġ Preca, Beatu Nazju Falzon, Fra Diegu Bonanno, Mons. Isidur Formosa, il-Patri Karmelitan Avertan Fenech, u tant reliġjużi Karmelitani, fosthom Mons. Isqof Redent Gauci, u l-Prof. Poeta tal-Madonna, Anastasju Cuschieri. L-istorja u dokumenti ma jħassarhom ħadd, imma d-devozzjoni tibqa' ħajja kemm int li qed taqra ssib ħin f'ħajtek għal Alla u l-Madonna, li kontinwament dejjem tistennina biex bil-kliem tal-Mulej Ġesù tgħidilna **"Ixbhu lili"** għax jien il-Qaddejja fidila u umli li f'ħajti dejjem imxejt skond ir-rieda ta' ibni Ġesù. Jalla l-koppla tal-Bażilika tal-Karmnu tfakkarna, li aħna kontinwament qegħdin taħt il-ħarsa tagħHa, hi li dejjem ħarset lejn binha Ġesù, bħala l-uniku medjatur u Salvatur tagħna.

Tagħrif storiku miksub minn Rev. Dr. Valentine B. Guzman O. Carm.

*Polidano Crane Hire Services Ltd*

P

*Tal-Barrani Road, Żejtun BBG 06 – Malta*
*Tel: 2182 6126, 2180 0312*
*Fax: 2167 3733*
*Mob: 7949 2891, 7982 6126*
*E-mail: ppolidano@waldonet.net.mt*
*or jpolidano@waldonet.net.mt*

